# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 853/2015/VG**

**Joanna BRIFFA [ID. Nru. 1061446M]**

**Vs**

**Joseph CAMILLERI [ID. Nru. 616355M] u CBR Limited [C-25985]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-28 ta' Ottubru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha ta' disa' mija tnejn u erbghin euro u tletin centezmi ta' euro [€942.30] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-fond bl-indirizz 53, Triq Spinola, San Giljan, gie trasferit lil konvenut Joseph Camilleri skont il-kuntratt ta' nhar l-14 ta' Novembru 2005 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar (Dok. A);
>
> Illi hekk kif jidher bic-car fil-korrispondenza hawn annessa u mmarkata Dok. B, il-konvenuti pprometew illi ser jitrasferixxu

f'isimhom is-servizzi tal-ilma pprovduti fil-fond surreferit u jhallsu kwalunkwe arretrati dovuti, izda dan qatt ma sar;

Illi l-attrici interpellat diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallsu l-arretrati dovuti u jittrasferixxu s-servizz fuq isimhom (ara dok. C). Minkejja dan, l-attrici ghada tircievi kontijiet f'isimha, bl-ahhar kont in data 18 ta' Lulju 2015 ikun fl-ammont ta' €942.30 (ara Dok. D);

Illi l-attrici hija esposta ghall-hlas ta' dan il-kont u jekk ma thallsux ser tispicca bis-servizzi ta' dawl u ilma tad-dar taghha maqtughin;

Illi kif anke ammess mill-konvenuti, dan l-ammont kif indikat fil-kont surreferit huwa cert, likwidu u dovut;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dan it-Tribunal ma ghandux jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' disgha mija tnejn u erbghin ewro u tletin centezmu (€942.30) bl-imghax u bl-ispejjez".

Ra l-verbal datat 21 ta' Jannar, 2016 fejn gie rilevat mit-Tribunal li l-folder tan-notifika huwa indikat bhala Joseph Camilleri et izda fit-Timbru tal-messagier Connie Pullicino hemm biss indikat Joseph Camilleri. Jidher li ghalhekk dan huwa lapsus tal-messaggier tal-0Qorti u konsegwentement ddikjara li n-notifika kellha tghodd ghaz-zewg partijiet.

**Ra li ma baqghet giet ipprezentata l-ebda risposta da parti ta' l-intimati.**

Ra l-verbal tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta’ €942.30c rapprezentanti hlas li hija giet mitluba taghmel ghas-servizzi ta’ ilma fuq il-fond bin-numru 53, Triq Spinola, San Giljan liema proprjeta hija kienet ittrasferit lill-intimati permezz ta’ kuntratt datat 14 ta’ Novembru, 2005 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar. Hija qalet li kienet baghtet korrispondenza lill-intimati sabiex ihallsu l-arretrati u jittrasferixxu l-kontijiet ghal fuq isimhom izda dan baqa ma sehhx.

2. L-intimati baqghu ma resqu l-ebda risposta ghal din it-talba tar-rikorrenti.

Ikkunsidra;

3. **Xehdet Joanna Briffa,** r-rikorrenti, li qalet li fl-14 ta’ Novembru, 2005 hija kienet bieghet l-fond bin-numru 53, Spinola Road, San Giljan lil intimat Joseph Camilleri permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Perre Attard. Qalet li qabel ma gie ffirmat il-kuntratt kien sar il-konvenju u wara li kien gie iffirmat dan l-istess konvenju, hija kienet ghaddiet ic-cwievet tal-fond lill-intimat Joseph Camilleri u dan sabiex ikun jista jaghmel xogholijiet ta’ riparazzjoni ghal bejt tas-saqaf. Qalet li d-dawl kien gie maqtugh izda l-ilma le. L-intimat, kompliet tghid ir-rikorrenti, kien qalilha li kien ser jiehu hsieb il-formoli necessarji sabiex il-kont tad-dawl u l-ilma jigi trasferit minn fuq isimha ghal fuq ismu. Qalet li hija kienet hallset il-kont sad-data tal-kuntratt. Wara li gie ffirmat il-kuntratt hija ma kellha l-ebda access ghal proprjeta u li l-

ammont reklamat b'dawn il-proceduri ta' €942.30c jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 12 tal-process (dok. D). Qalet li l-intimat ma kienx hallieha tidhol fil-fond u ghalhekk dan huwa l-uniku kont li ghandha u li tista timxu fuqu.

Mistoqsija mit-Tribunal ir-raguni l-ghala hija kienet qeghda taghmel it-Talba ukoll fil-konfront tas-socjeta intimata CBR Limited, hija qalet li l-kuntratt datat 14 ta' Novembru, 2015 kien bejnha u bejn l-intimat Joseph Camilleri u li kif dahlet is-socjeta intimata f'din il-kawza "*hija xi haga tal-Avukati*" (fol. 23).

Ziedet tghid li l-ammont fuq id-dok. D (fol. 12) huwa biss stima u li sal-lum il-gurnata hija ma kienitx ghadha hallset dak il-kont. Qalet li hija kienet talbet lill-intimat sabiex tiehu l-qari ezatt tal-kont u biex jiffirmaw it-*transfer* relattiv izda l-intimat qatt ma ghamel dan. Il-kontijiet, kompliet tghid ir-rikorrenti, ghadhom sal-lum il-gurnata registrati fuq isimha.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Mill-atti jirrizultali fl-14 ta' Novembru, 2005 kien sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar u li permezz tieghu r-rikorrenti kienet bieghet lil Joseph Camilleri l-fond numru 53, Spinola Road, San Giljan (fol. 3).

5. Irrizulta ukoll li l-kont ta' l-ilma ghadu jsejjah lir-rikorrenti (fol. 12) u li l-istima ta' dak il-kont sas-26 ta' Gunju, 2015 fuq il-fond hawn fuq indikat kien ta' €942.30c.

6. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-intimat baqa inadempjenti u baqa qatt ma ttrasferixxa l-kont relattiv fuq ismu u ghalhekk dan ghadu jghajjat lir-rikorrenti bil-konsegwenzi kollha li dan igib mieghu.

7. Illi mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet u esebita mir-rikorrenti jirrizulta li l-intimat u xi min daqqiet is-socjeta intimata dejjem accettaw li kienu ser ihallsu l-kont pendenti izda l-affarijiet sa hemm waslu.

8. Kien ghalhekk li r-rikorrenti irrikorriet quddiem it-Tribunal. Kif diga inghad ukoll, l-intimati baqghu qatt ma resqu risposta ghal din il-kawza.

9. Ghar-rigward tas-socjeta intimata, t-Tribunal huwa tal-fehma li din tharrket inutilment l-ghaliex il-kuntratt ta' akkwist sar bejn ir-rikorrenti u l-intimat. Is-socjeta intimata ma kellha x'taqsam xejn ma dan l-akkwist. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-istess socjeta intimata.

10. Ghal bqija, t-Tribunal huwa sodisfatt li l-kaz gie ppruvat skont il-ligi u jheggeg lill-intimat sabiex jaghmel it-*transfer* relattiv halli ma jibqax ikun hemm kwistjonijiet inutili.

    Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jillibera lis-socjeta intimata mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' disa' mija tnejn u erbghin euro u tletin centezmi ta' euro [€942.30] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata ta' din it-Talba u cioe mit-28 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, salv ghal dawk tas-socjeta intimata, li ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti, huma a karigu tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**

**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**